# Ġrajja tal-Kungress Ewkaristiku

## *minn kitba ta' P. Domenico Azzopardi O.P. fil-Kunvent SS. Annunzjata fil-Birgu nhar il-Festa ta' Corpus Domini 1913*

**minn Joseph J. VELLA**

### Il-Ftuħ tal-Kungress fil-Mosta

Mis-siegħa ta' wara nofsinhar 'il quddiem dak li kien ikun iħares ħdejn *Porta Reali*, ma kienx jilmaħ ħlief karozzini mimlijin nies jitilqu mill-Belt għall-Mosta. Matul it-triq ta' *Strada Reali*, kif ukoll mat-triq il-wiesgħa ta' *King Edward Avenue*, mat-triqat ewlewnin tal-Ħamrun u Birkirkara, imżejnin bi ġmiel kbir għal dik iċ-ċirkostanza, bit-twieqi u l-gallarijiet ukoll imżejna sewwa, ġemgħat kbar ta' nies kont tilmaħ, mixtieqin li jaraw għaddej il-Kardinal Legat, biex isellmulu u jagħtuh kull ġieħ li jistħoqqlu bħala Rappreżentant tal-Papa.

U xi ngħidu għall-Mosta, fejn kellu jiġi miftuħ il-Kungress. It-triq kollha ta' quddiem il-knisja sa mill-bidu tar-raħal kienet imżejna b'gost liema bħalu b'iskrizzjonijiet imdendlin mat-trofej, kollha b'xi figura li għandha x'taqsam ma' Ġesù Sagramentat, bit-twieqi u l-gallarijiet kollha tad-djar imżejna bit-triehi, bil-fjuri u ħwejjeġ oħra sewwa sew kif kienu dawk tal-misraħ ta' quddiem il-knisja.



Il-Banda tal-Mosta, Nicolò Isouard, kienet iddoqq marċijiet ferrieħa, l-Erbgħa, 23 t'April, 1913.

Il-Banda tar-raħal, **Nicolò Isouard**, kienet iddoqq marċijiet ta' ferħ; il-poplu kollu tar-raħal, imlibbes bħal għal xi festa ta' pajjiżu, kien ma tul it-toroq biex jieħu sehem f'din il-ġrajja rari għalih. Kien jum ta' festa u ta' ferħ għal dak il-poplu li ried jissagrifika ruħu aktar biex tintemm kif tixraq din il-Ġemgħa Qaddisa sewwa sew kif missirijiethom kienu ħlew ġidhom u ssagrifikaw ruħhom biex jibnu dak it-Tempju famuż, ta' ġieħ għan-Nazzjon Malti (u ta' għajb għall-għedewwa nsara).

Araw ftit x'inkiteb fuq il-ġurnal *Catholic Times*. Ftit ġranet wara l-Kungress deher artiklu imsejjaħ '**Il-Knisja tonda tal-Mosta u l-Frammażuni**' li wettaq dak li għedna. Hekk jgħid:

"Il-bogħod ħames mili mill-Belt Valletta u ftit bogħod mal-lemin tat-triq li tieħu għall-Belt Antika ta' l-Imdina, koppla kbira ta' lewn safrani tolqtok. Din hi s-sabiħa u kbira Knisja tal-Mosta. Meta tersaq lejha tifhem li hi bini tassew kbir. Ħabib tagħna żar il-knejjes tad-dinja jgħidilna li hi t-tieni jew it-tielet fost il-koppli kbar tad-dinja. Minn tliet bibien, taħt loġoġ miżmuma minn kolonni għoljin tidħol fiha. L-ewwel pass li tagħmel minn fuq l-għatba, biżżejjed biex ifiehmek li din il-koppla hi tassew kbira! Mhux biżżejjed, imma ta' l-għaġeb. U tabilħaqq, il-knisja hi ta' dawra wiesgħa sewwa, b'qiegħa ta' l-irħam, u minn fuq dik id-dawra tiela' l-koppla, illi tagħmel saqaf sħiħ, kollox mibni b'ħidma ta' dak il-poplu ta' hemm għall-imħabba u glorja ta' Alla. Għalhekk, il-perit, il-bennejja, in-naġġara, ir-reffiegħa tal-ġebel, il-poplu waqqfu dan it-Tempju wiesgħa u kbir, żejnuh bil-pitturi, tirqim u ħwejjeġ ta' tiżjin ieħor, il-kotra mingħajr ma kienu mħallsa. U hekk taw għax-xebgħan dak li setgħu, billi ma setgħux jagħtu flus.

Dawn il-veri 'BENNEJJA LIBERI' (kif jissejħu l-frammażuni). Ah! Imsieken intom frammażuni bil-fardal u l-ingwanti għonjin, qarrieqa mżejna b'simboli sbieħ tal-frammażunerija, li tiġġerrew ma' kullimkien tonfqu lira fid-daħk u l-qerq għal kull xelin li tagħtu b'karità, ejjew hawn biex titgħallmu xi ħaġa. Morru lejn Malta, lejn il-Mosta, iva, u iflu ftit dik il-knisja mibnija għall-imħabba t'Alla. Għollu għajnejkom lejn l-għoli maestuż tagħha, ħarsu sewwa lejn dawk il-ħitan sħaħ ta' l-oħxon, illi ftit ftit, bil-mod il-mod dejjem sejrin jidjiequ aktar ma jitilgħu 'l fuq. Hemm m'hemmx injam, iżda kollox ġebel. Duru dawra magħha minn ġewwa u wara morru f'nofsha sewwa, u jekk tisgħu poġġu għarkupptejkom u itolbu l-grazzja li titbiegħdu mil-bluhat tagħkom biex issiru tassew 'bennejja liberi' bħal dawk il-bennejja nsara Mostin. Itolbu l-grazzja li tkunu tistgħu tagħmlu xi opra fid-dinja għall-imħabba t'Alla.

Filwaqt li dan it-tempju kien qiegħed jinbena bil-mod il-mod u l-quċċata tad-dawra tiegħu kienet telgħet 'il fuq aktar mill-bjut tal-Mosta, inġinier kbir Ingliż kien mar biex jifli dak il-bini. Meta ra dawk il-ħaddiema Mostin jaħdmu f'dak il-bini qal b'leħen ta' dardir:

"Poplu miskin, hu ma jasal qatt biex jgħatti b'koppla dik il-wesgħa hekk kbira, dan ma jkun qatt".

L-imsejjken iżda kien hu, illi wara li għamel tant opri kbar fid-dinja, hu ma kienx intefa' biex jagħmel din l-opra għalkemm fid-dehra impossibbli, imma għax magħmula għall-imħabba t'Alla, issir ħafifa biex tintgħamel".

## Għeluq il-Ġemgħat il-Kbar

Xi ngħidu imbagħad fl-aħħarnett għall-Pontifikal li sar fil-Knisja Arċipretali tal-Mosta? F'xis-7.30 am il-Banda Nicolò Isouard ħarġet fil-bidu tar-raħal, biex tilqa' dieħel l-Eminenza l-Kardinal Bourne. Malli wasal hawn, il-kumitat waqqaf il-karozza u filwaqt li kien jagħtih il-'Merħba Bih', il-poplu neħħa ż-żwiemel u qabad hu imexxi l-karozza sa ħdejn il-knisja, waqt li l-Banda quddiem iddoqq marċijiet allegri, fost iċ-ċapċip u għajjat ta' "Evviva" mill-aqwa. Kienet daħla li tgħaxxqek u l-Kardinal stess mgħaġġeb talab lill-kumitat biex jiżżiħajr għan-nom tiegħu lin-nies tal-Mosta kollha. Għal dan il-Pontifikal ħadu sehem bosta Isqfijiet u bosta kbarat Ingliżi fosthom Lord Clifford u l-Ammiral Kerr. Kien hemm il-ħabib tal-qalb, biex ngħidu hekk, tal-Kardinal Bourne, irrid ngħid it-



L-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Francis Bourne, l-Arċisqof ta' Westminster, li ħadem kemm felaħ biex il-Kungress isir f'Malta.



Prof. Francesco Napuljun Tagliaferro, l-ewwel President tas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard, li kellha parti importanti fil-Kungress Ewkaristiku fil-Mosta.

twajjeb u kbir Duka ta' Norfolk. Ma nkabbrux meta ngħidu, illi l-knisja tal-Mosta kienet kważi mimlija għal kollox. Wara li spiċċat il-funzjoni, Mons. Mifsud, il-President Onorarju tal-Kumitat Mosti, qara u ta lill-Eminenza l-Kardinal indirizz u lilu ġew mogħtijin fjur sabiħ u kopja tal-ktieb '*Musta and Its Charms*' tar-Rev. Edgardo Salomone.

Fl-aħħarnett fost ċapċip u għajjat ta' ferħ ħareġ mill-knisja mal-kbarat li ġew għal dik il-funzjoni u mar magħhom fil-Villa Grech Mifsud fejn ġie milqugħ mis-Sinjura Levy Grech, Dr. Grech Mifsud, u Prof. Tagliaferro.

Sa hawn biżżejjed fuq il-Pontifikal u ngħaddu issa biex intarrfu x'sar u intqal fl-għeluq tal-Ġemgħat Kbar. Daqs f'dal jum żgur li l-Mosta ma ratx għadd kbir hekk ta' nies. Fil-misraħ wiesgħa ta' quddiem il-knisja kien hemm msarbtin it-tfal tal-*Boys Brigade* u ħdejn l-loġoġ tal-knisja l-**Banda Nicolò Isouard**. Il-knisja kienet diġà mimlija bin-nies, meta ekku li jinstema' għajjat u ċapċip, daqq ta' banda barra l-knisja. Kien wasal il-Kardinal Legat Ferrata, li kellu jidħol l-aħħar darba f'din il-Knisja tal-Kungress, biex jagħlaq is-seduti ġenerali. U dak iċ-ċapċip, dak l-għajjat idamdam mill-ġdid mal-knisja malli jitfaċċa l-Kardinal fil-bieb tagħha u kompla idamdam sakemm wasal f'loku.


ROLL-IN
PASTIZZERIJA
Pastizzi, Pizza, Qassatat, Meat Pies, Timpana, Sausage Rolls, Ravjul, Għaġina
138, Eucharistic Congress Road, Mosta – Tel: 21 432536
St. Helen Square, B'Kara – Tel: 21 485398
Naxxar Road, B'Kara